**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz ASF 109/2021**

**JG**

**('l-ilmentatur')**

**vs**

**Calamatta Cuschieri Investment Services Ltd**

**(C13729) ('il-provditur tas-servizz' jew 'CCISL')**

**Seduta tal-5 ta' Dicembru 2022**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment,** fejn l-ilmentatur talab li jinghata lura l-kapital li gie investit fil-*Pimco Euro Income Bond Fund* ('*Pimco'* jew 'il-prodott'), liema investiment sar fuq parir ta' *Calamatta Cuschieri Investment Services Limited* ('il-provditur tas-servizz' jew 'CCISL'). L-ilmentatur allega li l-parir li tah il-provditur tas-servizz fuq dan l-investiment kien wiehed hazin.

***L-ilment***

L-ilmentatur spjega li f'Jannar tas-sena 2018, huwa ghamel investiment fil-*Pimco* fejn kellu jircievi €17 imghax kull xahar. Huwa allega li kull Gunju jew kull Lulju kellu jircievi ammont akbar ta' imghax kif kienu qalulu meta ghamel l-investiment. Permezz tal-ammont addizzjonali li kellu jircievi f'Gunju jew Lulju, l-ilmentatur sahaq li fit-total l-imghax ta' sena kellu jissarraf f'imghax tajjeb fuq l-investiment li ghamel.

Meta l-ilmentatur ra li wara Lulju l-imghax baqa' biss dak normali ta' €17 u ma rcieva xejn izjed, bhalma kien qallu l-ufficjal tal-provditur tas-servizz li tah il-parir, huwa kkuntattja lill-CCISL f'diversi okkazjonijiet fuq din il-kwistjoni.

L-ilmentatur spjega li l-istess ufficjal ta' CCISL dejjem kien jghidlu biex ihalli f'idejh u li kien ser jiccekkjalu. Huwa sahaq li darba minnhom l-istess ufficjal qallu li kien tfixkel ma' investiment iehor u dan, skont l-ilmentatur, sabiex jghaddih biz-zmien.

L-ilmentatur spjega wkoll li darba staqsa lil-ufficjal ta' CCISL jekk hu personali kienx investa fil-prodott u dan qallu li le. Huwa ghalhekk staqsih ghaliex tah parir biex jinvesti fih meta l-ufficjal innifsu ma kienx investa fl-istess prodott. L-ilmentatur ma inghata l-ebda risposta.

L-ilmentatur spjega wkoll li madwar xi sena u nofs qabel ma ghamel l-ilment ma' l-Ufficcju tal-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji, l-ilmentatur ikkuntattja ufficjal izjed imlahhaq f'CCISL biex jirrapporta lill-ufficjal li kien tah il-parir ta' investiment.

L-ilmentatur qal li wara argument shun bejniethom huwa gie nfurmat li dawn l-affarijiet jigru; li meta tinvesti, l-investiment jista' jmur hazin. L-ilmentatur spjega li huwa kien wiegbu li l-investiment ma kienx hazin, izda l-parir li inghata kien wiehed hazin.

F'Jannar 2021, l-ilmentatur cempel lill-provditur tas-servizz fejn talab li jaghlaq l-investiment tieghu fil-*Pimco* u li ried il-flus kollha lura. L-ilmentatur gie nfurmat li kien ser jitlef izjed minn €400 fuq dan l-investiment. Huwa gie nfurmat ukoll li jmissu jigbed minn xi investiment iehor milli ghandu u mhux mill-*Pimco*.

L-ilmentatur sahaq li huwa ried jaghlaq il-*Pimco* ghax dak kien li sejjer hazin minhabba l-parir hazin li inghata.

L-ilmentatur irrifjuta l-offerta tal-provditur tas-servizz li jircievi flusu lura ghaliex kien ser jiehu madwar €400 inqas.

Gie sottomess li l-parir ta' investiment li l-ilmentatur ircieva minghand il-provditur tas-servizz ma kienx wiehed veritier u li kien sar biex l-ufficjal ta' CCISL jiehu l-kummissjoni minn fuqu.

Bhala rimedju, l-ilmentatur talab li jircievi lura s-somma kollha nvestita fil-*Pimco* ghal-ammont ta' €9,979.60.

L-ilmentatur sahaq li l-investiment kien tajjeb izda li l-parir li huwa nghata kien wiehed hazin u li dan sar minhabba l-kummissjoni u r-reghba tal-ufficjal tal-provditur tas-servizz.[1]

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz li tghid:[2]**

Illi CCISL cahdet l-allegazzjonijiet tal-ilmentatur li *'l-investiment ma kienx hazin imma l-parir li taghni Sant kien hazin'*, u sostniet li dan mhux minnu billi spjegat dan li gej:

1. Illi fid-29 ta' Jannar 2018 sar investiment fil-*Pimco Funds – Euro Income Bond* fuq parir ta' CCISL. Kopja tal-kuntratt tax-xiri ta' dan l-investiment giet annessa bhala Dok 1 mar-risposta.[3]
2. Illi l-Formola tal-Ftuh tal-Kont giet esegwita fl-20/01/2017 u ffirmata mill-ilmentatur (kopja annessa bhala Dok 2 mal-risposta).[4]

   Il-Formola tal-Ftuh tal-Kont tispecifika li:

- Ir-relazzjoni hija ta' *Advisory Dealing*;

- F'pagna 5 ta' dan id-dokument taht *'Order Instructions'*, CCISL taccetta struzzjonijiet ta' ordni ghal dan il-kont permezz ta' diversi mezzi bhal telefon, *email* u *fax*. Illi l-ilmentatur ta struzzjonijiet lil CCISL biex tagixxi u tikkomunika permezz ta' *email*, li xorta titqies bhala medju durabbli ghall-finijiet tar-Regoli tal-Kondotta tan-Negozju u skont il-Mandat ta' Investiment tal-Klijent.

- Illi l-Formola tal-Ftuh tal-Kont, taht Taqsima pagna 7 u 8 intitolata *'Your Knowledge and Experience on Investments*', tispecifika li l-ilmentatur investa drabi ohra f'fondi, inkluz fondi ta' *bonds* ta' dhul u fi strumenti kumplessi, inkluz *Callable Bonds*. Gie anness dokument (Dok 3)[5] li juri l-

[1] P. 4
[2] P. 17-20
[3] P. 21
[4] P. 22
[5] P. 33

ordnijiet tal-ilmentatur li saru ma' CCISL bhala xhieda tat-taghrif tieghu ta' l-investimenti.

3. Illi f'dak li ghandu x'jaqsam ma *'Knowledge and Experience'*, il-fond huwa kklassifikat bhala skema UCITS u ghaldaqstant dan l-istrument huwa meqjus bhala *'non complex'* u japplika ghal-*retail clients*. Il-*'Fact Sheet as at December 2017'* giet annessa mar-risposta bhala Dok 4.[6] Gie sottomess li ghalhekk, minhabba li l-ilmentatur kellu investimenti precedenti l-ilmentatur tqies li ghandu l-gharfien u l-esperjenza mehtiega biex jifhem l-investiment li dwaru sar l-ilment.

4. Fil-Formola tal-Ftuh tal-Kont taht it-Taqsima 13 intitolata, *'Investment Objective/Risk'*, bhala l-ghan ta' investiment tieghu, l-ilmentatur specifika *'Dhul'* u profil ta' riskju *'Aggressiv'* u u l-investiment deskritt bhala *'Indefinite'*.

5. Kif jidher mill-*Pimco Fund Fact Sheet*, il-fond tal-*bonds* ta' dhul kellu jkollu dhul annwali konsistenti miksub permezz ta' portafoll gestit b'mod attiv ta' *bonds* ta' grad ta' investiment denominati fl-ewro fuq medda ta' bejn sena sa tmien snin.

   Il-fond kellu l-ghan li jkollu imghax oghla li jiggenera dhul ahjar fil-portafoll. Il-fond kellu jalloka minimu ta' 50% ghal *'Investment Grade securities'* u massimu ta' 25% ghall-*'Emerging Market'* u massimu ta' 30% f*'non euro currency exposure'*.

   Kif jidher mill-objettiv ta' l-investiment, il-fond huwa skema ta' investiment *'open ended'*, b'objettiv ta' dhul, u jista' jinbiegh jew jinfeda kuljum mill-investituri fuq talba taghhom kif iddettaljat taht il-*KIID* (anness bhala Dok 5 mar-risposta).[7]

   Barra min hekk, ir-*Risk Profile* huwa meqjus bhala skala 3 fuq skala minn 1 sa 7.

[6] P. 116
[7] P. 118

6. L-ilmentatur ilu f'relazzjoni twila ma' CCISL mill-2011. Fid-19 ta' Jannar 2018, l-ilmentatur talab parir dwar l-investiment fir-rigward ta' prodott ta' investiment li jipprovdi dhul ta' kull xahar.

   Il-provditur tas-servizz irrimarka li filwaqt li hemm numru ta' fondi li jqassmu d-dhul fuq bazi regolari inkluz dak annwali; darbtejn fis-sena, u kull tliet xhur, skont it-talba tal-ilmentatur, il-*Client Advisor* mar ghal distribuzzjoni ta' kull xahar, u hekk titnaqqas l-ghazla tal-fondi b'investiment simili ta' distribuzzjoni. Dokument li pprovda CCISL mar-risposta juri t-talba tal-ilmentatur ghal dhul ta' kull xahar u l-*Fact Sheet* mghotija lilu – Dok. 6.[8]

7. Il-*Fact Sheet* bid-data tal-31 ta' Dicembru 2017, tistipula Rendiment ta' Distribuzzjoni Annwalizzata ta' 3.94. Taht il-*Key Facts* tal-*Fact Sheet*, il-frekwenza tad-distribuzzjoni hija ta' kull xahar. Bhala parti mill-informazzjoni pre-kuntrattwali, CCISL hija mehtiega tipprovdi lil-klijent bil-*Fact Sheet*, *KIID* u r-riskji u l-ispejjez u *charges*. Il-*Fact Sheet* u l-*KIID* gew ipprovduti kif xieraq lill-ilmentatur permezz ta' *email* fil-25 ta' Jannar 2018. Il-*Fact Sheet* fiha r-*Risk Warning* relevanti fir-rigward tal-fond.

   L-ilmentatur kien talab li jkun jaf jekk dawn jistghux jinfdew fuq talba tieghu stess. L-*Advisor* ikkonferma li dawn jistghu jinfdew fuq talba tieghu bil-valur tas-suq kurrenti. Ghaldaqstant, fis-26 ta' Jannar 2018, l-ilmentatur ta struzzjonijiet permezz tal-*email* ghax-xiri tal-fond b'valur ta' €10,000.

8. Wara diskussjonijiet bejn l-*Advisor* u l-ilmentatur permezz ta' *email*, l-*Advisor* ta' CCISL ipprovda lill-ilmentatur is-*Suitability Report* (Dok 7),[9] li jindika li r-rakkomandazzjoni ghal xiri f'PIMCO kienet meqjusa xierqa fuq il-bazi tan-*Knowledge and Experience*, is-sitwazzjoni finanzjarja u l-preferenza tieghu ghal dhul ta' kull xahar. Fid-dawl tal-mandat tal-ordnijiet tal-ilmentatur moghti lil CCISL ghax-xiri ta' €10,000 sehh ix-xiri tal-investiment. Dok 6 li turi *email* bil-konferma tal-ordni. [10]

[8] P. 120
[9] P. 122
[10] P. 120

9. Fil-21 ta’ Mejju 2021, l-ilmentatur baghat *email* fejn ilmenta ma’ CCISL. (Dok 8).[11]

10. Twegiba ntbaghtet lill-ilmentatur datata t-2 ta’ Gunju 2021. Din l-*email* ikkonfermat li CCISL qieset li l-parir dwar l-investiment li kienet tat lill-ilmentatur kien wiehed addattat. Kien qed jigi ggenerat dhul ta’ kull xahar kif kien xtaq l-istess ilmentatur u l-*Advisor* qatt ma ta garanziji dwar l-istess dhul. (Dok 9).[12]

11. Fit-28 ta’ Lulju 2021, intbaghtet *email* lil CCISL (Dok 10)[13] fejn fost ohrajn l-ilmentatur ilmenta li l-ufficjal tal-provditur

    *‘… avza li se nircievi dhul ta’ Eur 17+ kull xahar imghax, flimkien ma somma f’daqqa kull Gunju, li mizjud ma’ l-imghax ta’ kull xahar, ikun dhul tajjeb, izda f’Gunju dan qatt ma mmaterjalizza’*.[14]

    CCISL tenniet li l-*Advisors* taghha huma approvati mill-MFSA biex jipprovdu pariri dwar l-investiment u bl-ebda mod ma jimpenjaw ruhhom li jiddikjaraw li l-fond se jqassam dhul ta’ €17 kull xahar flimkien ma’ kapital f’Gunju. Ghal dan il-ghan, ir-*Risk Factors* tal-fond gew ipprovduti kif xieraq lill-ilmentatur permezz tal-*KIID* u l-*Fact Sheet* li jindikaw b’mod car li l-valur tal-fond jista’ jitla’ kif ukoll jinzel.

12. Illi fl-*email* tieghu l-ilmentatur qal li huwa kien ikkuntattja lil CCISL biex jifdi l-fondi ghax kellu bzonn likwidità. Sostna li l-ufficjal ta’ CCISL tah il-parir sabiex *‘jigbed flus minn investiment iehor’*.[15]

    Fit-twegiba taghha, CCISL qalet li wara li rrevediet il-portafoll tal-ilmentatur, ir-*redemption* ma kinetx titqies xierqa peress li l-ilmentatur kellu investimenti ohra u jekk kellu jifdi l-Pimco, kien ser igarrab xi telf li seta’ jigi evitat.

---

[11] P. 123
[12] P. 124
[13] P. 127
[14] P. 19
[15] *Ibid*.

CCISL tenniet li jekk l-ilmentatur jixtieq jipprocedi bil-fidi tal-*Pimco*, allura, jkun hemm telf kapitali ta' madwar €367, u bl-ispejjez ghax-xiri ta' dan il-fond jammontaw ghal €195.68 skont il-*Contract Note*.

CCISL jghid li l-ilmentatur ircieva mill-*Pimco Fund* distribuzzjoni ta' dhul totali ta' €811.12 minn Jannar 2018 sal-llum.

CCISL rrimarkat li bil-hsieb li tinstab soluzzjoni amikevoli, CCISL offriet rifuzjoni fuq il-hlas inizjali tal-investiment fil-fond.

CCISL tistenna aktar struzzjonijiet mill-ilmentatur dwar jekk ghandhiex tesegwixxi din ir-*redemption* jew le, wara l-valutazzjoni taghha ta' *'unsuitability assessment for redemption'*, skont il-portafoll ta' investiment tieghu. Ir-risposta ta' CCISL f'dan ir-rigward giet mehmuza bhala Dok 11.[16]

13. L-ilmentatur qed ifittex li l-flus kollha li kienu ta' €9,979.60 jinghatawlu lura. CCISL tatu parir sabiex ma jifdix dan l-investiment issa ghaliex kien ser jitlef il-flus.

CCISL cahdet li tat parir hazin u, filwaqt li hija lesta li trodd lura l-*fees* ta' €195.68, mhix f'pozizzjoni li tilqa' t-talba tal-ilmentatur skont it-tieni twegiba taghha tad-29 ta' Lulju 2021.

F'dan ir-rigward, CCISL tenniet li ghadha qed toffri lill-ilmentatur li tirrifondi t-tariffi originali (minghajr pregudizzju), kif ukoll tibdel il-*Financial Advisor* attwali u dan skont id-dokument mehmuz mar-risposta Dok 10.[17]

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra:**

[16] P. 128
[17] P. 127

***Il-fatti tal-kaz***

*L-ilmentatur*

Fl-*Account Opening Form* mahruga minn CCISL datata 20 ta' Jannar 2017, (u ffirmata mill-ilmentatur fis-7 ta' Frar 2017), l-ilmentatur gie meqjus bhala klijent *'retail'* fejn is-servizz ipprovdut minn CCISL kien *'Advisory Dealing A/c'*.[18]

L-ilmentatur kien ilu li fetah kont ma' CCISL minn snin qabel, sa mit-18 ta' Mejju 2011.[19]

L-ilmentatur twieled fis-sena 1949 u kien indikat bhala *'self-employed/ retired'*,[20] u kellu Diploma fil-gastronomija.[21]

Waqt is-seduta tad-9 ta' Novembru 2021, l-ilmentatur xehed:

*'Nghid li fiz-zmien li ghamilt dan l-investiment, fl-2018, kont digà pensjonant. Jiena chef u kont lecturer l-ITS'*.[22]

L-ghan ta' investiment jew strategija ta' investiment kienet indikata fl-istess formola bhala wahda ghal *'Income'* filwaqt li l-profil ta' riskju bhala wiehed *'Aggressive'* u t-terminu tal-investiment bhala *'Indefinite'*.[23]

*L-esperjenza f'investimenti u tranzazzjonijiet*

Fil-formola tal-ftuh tal-kont, l-esperjenza tal-ilmentatur fl-investimenti kienet indikata bhala *'Invested Regularly'* f'*Corporate Bonds'*, *'Invested Occasionally'* f'fondi bhal *'Income Bond Funds'*, kif ukoll *'Complex Instruments'*; *'Callable Bonds'*, u *'Government Bonds'*; u *'Invested Rarely' f''Shares'*.[24]

Dokument ufficjali ('l-i*Statement*') ipprezentat mill-provditur tas-servizz juri t-tranzazzjonijiet kollha li ghamel l-ilmentatur ma' CCISL fuq il-perjodu ta' 10 snin bejn it-18 ta' Mejju 2011 u d-19 ta' Awwissu 2021.[25]

[18] P. 23
[19] P. 23 u 33
[20] P. 24
[21] P. 29
[22] P. 131
[23] P. 31
[24] P. 29
[25] P. 33 sa 115

Minn din l-informazzjoni jirrizulta li matul dan il-perjodu, l-ilmentatur ghamel numru mdaqqas ta' investimenti f'diversi prodotti ta' investiment.

*L-investiment*

Skont il-*Contract Note* tal-bejgh mahruga minn CCISL, l-ilmentatur xtara 941.6667 *units* fil-*Pimco* fl-ahhar ta' Jannar 2018, ghall-prezz ta' Eur9,783.92 fejn hallas ukoll *'Brokerage Fees'* ta' Eur195.68 ghal ammont totali ta' Eur9,979.60.[26]

Mill-*iStatement* ipprovdut minn CCISL (li jkopri biss sal-perjodu 04.08.2021), jirrizulta li l-ilmentatur ircieva dividendi b'mod regolari ta' kull xahar. L-introjtu u hrug fuq l-investiment in kwistjoni sal-perjodu 04.08.2021 huma migburin fil-qosor fit-Tabella A u B hawn taht.

<u>Tabella A</u>

| Data | Dettall | *Units* | Ammont f'Ewro | |
|---|---|---|---|---|
| | | | **Hrug** | **Dhul** |
| 30.01.2018 | Xiri ta' *Pimco Funds - Euro Income Bond* | 941.6667 | 9,979.6 | |
| Bejn 02.02.2018 sa 04.08.2021 | Dividendi fuq il-*Pimco Fund** | | | 843.04 |
| Bejn 02.02.2018 sa 04.08.2021 | Taxxa fuq id-dividendi | | 126.31 | |
| Bejn 02.02.2018 sa 04.08.2021 | Hlas amministrattiv fuq id-dividendi tal-*Pimco* | | 82.5 | |

** Ma tinkludix dividendi rikavati mill-ilmentatur mill-04.08.2021 'il quddiem sad-data ta' meta jinbiegh il-prodott peress li l-iStatement ikopri sal-04.08.2021*

[26] P. 21

Tabella B

| | Dividendi fuq il-*Pimco Fund* | Taxxa mhallsa fuq id-dividendi | Hlas amministrattiv fuq id-dividendi tal-*Pimco* | Introjtu nett ghall-ilmentatur |
|---|---|---|---|---|
| 02/02/2018 | 22.49 | 3.37 | 1.5 | 17.62 |
| 02/03/2018 | 22.51 | 3.38 | 1.5 | 17.63 |
| 05/04/2018 | 22.51 | 3.38 | 1.5 | 17.63 |
| 03/05/2018 | 22.49 | 3.37 | 1.5 | 17.62 |
| 01/06/2018 | 22.49 | 3.37 | 1.5 | 17.62 |
| 04/07/2018 | 22.49 | 3.37 | 1.5 | 17.62 |
| 02/08/2018 | 22.49 | 3.37 | 1.5 | 17.62 |
| 04/09/2018 | 22.49 | 3.37 | 1.5 | 17.62 |
| 04/10/2018 | 22.49 | 3.37 | 1.5 | 17.62 |
| 05/11/2018 | 22.49 | 3.37 | 1.5 | 17.62 |
| 04/12/2018 | 22.49 | 3.37 | 1.5 | 17.62 |
| 04/01/2019 | 22.49 | 3.37 | 1.5 | 17.62 |
| 04/02/2019 | 22.49 | 3.37 | 1.5 | 17.62 |
| 04/03/2019 | 22.49 | 3.37 | 1.5 | 17.62 |
| 02/04/2019 | 22.49 | 3.37 | 1.5 | 17.62 |
| 03/05/2019 | 22.49 | 3.37 | 1.5 | 17.62 |
| 04/06/2019 | 22.49 | 3.37 | 1.5 | 17.62 |
| 02/07/2019 | 22.49 | 3.37 | 1.5 | 17.62 |
| 02/08/2019 | 22.49 | 3.37 | 1.5 | 17.62 |
| 03/09/2019 | 22.49 | 3.37 | 1.5 | 17.62 |
| 02/10/2019 | 22.49 | 3.37 | 1.5 | 17.62 |
| 05/11/2019 | 22.49 | 3.37 | 1.5 | 17.62 |
| 03/12/2019 | 22.49 | 3.37 | 1.5 | 17.62 |
| 03/01/2020 | 22.49 | 3.37 | 1.5 | 17.62 |
| 04/02/2020 | 15.96 | 2.39 | 1.5 | 12.07 |
| 03/03/2020 | 15.96 | 2.39 | 2.5 | 11.07 |
| 02/04/2020 | 15.96 | 2.39 | 2.5 | 11.07 |
| 05/05/2020 | 15.96 | 2.39 | 2.5 | 11.07 |
| 03/06/2020 | 15.96 | 2.39 | 2.5 | 11.07 |
| 03/07/2020 | 15.96 | 2.39 | 2.5 | 11.07 |
| 11/08/2020 | 15.96 | 2.39 | 2.5 | 11.07 |
| 02/09/2020 | 15.96 | 2.39 | 2.5 | 11.07 |
| 05/10/2020 | 15.96 | 2.39 | 2.5 | 11.07 |
| 03/11/2020 | 15.96 | 2.39 | 2.5 | 11.07 |
| 02/12/2020 | 15.96 | 2.39 | 2.5 | 11.07 |
| 07/01/2021 | 15.96 | 2.39 | 2.5 | 11.07 |
| 02/02/2021 | 15.96 | 2.39 | 2.5 | 11.07 |
| 02/03/2021 | 15.96 | 2.39 | 2.5 | 11.07 |
| 07/04/2021 | 15.96 | 2.39 | 2.5 | 11.07 |
| 04/05/2021 | 15.96 | 2.39 | 2.5 | 11.07 |
| 01/06/2021 | 15.96 | 2.39 | 2.5 | 11.07 |
| 02/07/2021 | 15.96 | 2.39 | 2.5 | 11.07 |
| 04/08/2021 | 15.96 | 2.39 | 2.5 | 11.07 |
| **Total** | **Eur 843.04** | **Eur 126.31** | **Eur 82.5** | **Eur 634.23** |

*Osservazzjonijiet u Konkluzjoni*

L-Arbitru jinnota li l-ilmentatur ihossu aggravat peress li l-andament tal-*Pimco* u l-introjtu li huwa rcieva minnu ma lahqux l-aspettativa tieghu u ma jirriflettix dak li huwa allega li ntqal lilu fiz-zmien tal-bejgh tal-prodott.

B'mod partikolari, l-ilmentatur allega li qabel il-bejgh tal-prodott, CCISL kien infurmah li kien ser jircievi **pagament addizzjonali madwar Gunju/Lulju ta' kull sena apparti l-imghax ta' kull xahar** u, ghalhekk, haseb li l-introjtu minn dan l-investiment kien ser ikun wiehed tajjeb.

L-Arbitru jinnota li l-ilmentatur sostna b'mod konsistenti (kemm fl-ilment tieghu ma' CCISL u anke matul ix-xiehda tieghu fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2021), li huwa gie nfurmat mill-ufficjal ta' CCISL li *'... kull Gunju tircievi ammont li meta tghoddu ma' dak li tiehu fix-xahar, ikollok income tajjeb'*.[27]

L-ilmentatur spjega li, apparti l-pagament regolari ta' kull xahar, huwa ma rcieva l-ebda ammont iehor. Ghal din ir-raguni huwa sahaq li l-parir ta' investiment li nghata fil-*Pimco* kien wiehed hazin u sar biss biex l-ufficjal jiehu l-kummissjoni minn fuq l-investiment.

**Meta l-Arbitru jqis ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u l-fatti migjuba quddiemu, ma jara l-ebda raguni ghalfejn ghandu jilqa' l-ilment u dan ghar-ragunijiet li gejjin:**

*Allegat telf fuq il-kapital mhuwiex realizzat/Nuqqas ta' evidenza ta' danni sofferti*

Minkejja li l-Arbitru jaghraf li l-andament fil-prezz tal-fond minn meta nxtara ma kienx wiehed pozittiv, jinnota wkoll li l-ebda telf ghadu ma gie kkristallizzat fuq l-investiment peress li l-*Pimco* ghadu ma nbieghx.

Il-fond in kwistjoni ghadu wkoll jopera u l-Arbitru ma jistax jaghti xi kumpens ghal investiment li fuqu ghadu ma giex iddeterminat telf jew dannu soffert mill-ilmentatur.

[27] P. 130

Biex jigi determinat l-andament shih tal-investiment, wiehed ghandu jqis u jiehu in konsiderazzjoni wkoll l-introjtu kollu inkluz l-imghax li rcieva l-ilmentatur matul is-snin u mhux biss l-andament fil-prezz.

L-Arbitru jinnota li l-ilmentatur ircieva imghax fix-xahar b'mod konsistenti hekk kif johrog mit-Tabella B indikata aktar 'il fuq f'din id-decizjoni. L- ammont ta' imghax fix-xahar kien jirrifletti jew iqarrab dak li indika l-ilmentatur, bhala li intqal lilu fir-rigward ta' imghax regolari fix-xahar.

F'dan ir-rigward, l-Arbitru jinnota li fl-ilment formali tieghu maghmul mal-provditur tas-servizz datat 28 ta' Lulju 2021, l-ilmentatur kiteb li

*'[CCISL's official] advice was that I will be receiving an income of 17 + euros every month interest ...'*.[28]

L-ilmentatur qed jilmenta ghaliex, skont hu, gie mwieghed imghax 'addizzjonali' li ma thallasx. L-Arbitru m'ghandu l-ebda prova konkreta dwar dan u, ghalhekk, m'huwiex moralment konvint minn din l-asserzjoni tal-ilmentatur. L-imghax li dwaru l-Arbitru ghandu prova, fil-fatt, thallas kif digà muri aktar 'il fuq f'din id-decizjoni.

L-Arbitru ma sab l-ebda rabta kuntrattwali bejn l-ilmentatur u l-provditur tas-servizz li juri dan l-imghax hekk imsejjah mill-ilmentatur bhala 'addizzjonali'.

Dak li qal l-ilmentatur dwar l-imghax addizzjonali gie kkontestat mill-provditur tas-servizz.

L-ufficjal tal-provditur tas-servizz, waqt il-kontroezami tieghu matul is-seduta tad-9 ta' Novembru 2021, sostna dan li gej:

*'Nghid li jiena nsibha stramba li ghidt dan l-istatement li minbarra l-imghax il-Pimco jhallas xi haga extra ghax l-ebda fund ma jhallas xi haga extra. L-impressjoni tieghi hija li konna qed nitkellmu fuq xi haga ohra, jekk ghidtha. Ghax ma nistax nimmagina li jiena b'xi mod ghidt illi dan il-fund ser ihallas xi haga extra, jew ihallas xi bonus. Its' beyond my understanding'.* [29]

[28] P. 11
[29] P. 134

L-Arbitru jinnota wkoll li ma gietx ipprezentata u lanqas ma harget l-ebda korrispondenza formali jew xi dokument li jissostanzja dak li qal l-ilmentatur ghal xi hlas *'extra'* fix-xahar.

*In-natura tal-prodott u nuqqas ta' evidenza li l-parir kien wiehed hazin*

Skont il-*fact sheet* ipprezentata, l-fond kien wiehed ta' ghamla ta' UCITS, *Euro income bond fund*, u kellu l-ghazla ta' distribuzzjoni fix-xahar. Il-klassifikazzjoni tar-*'Risk and reward Profile'* tieghu kienet wahda ta' tlieta fuq skala sa sebgha fejn sebgha kienet l-oghla indikazzjoni ta' riskju.[30]

Ma gietx ipprezentata u lanqas ma harget xi nformazzjoni li dan il-prodott ma kienx addattat ghall-iskop tal-klijent u l-profil ta' riskju u sitwazzjoni tieghu.

Dan ukoll meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni t-tranzazzjonijiet precedenti li kien ghamel l-ilmentatur fis-snin ta' qabel kif imsemmi aktar 'il fuq f'din id-decizjoni taht l-intestatura: '*L-esperjenza f'investimenti u tranzazzjonijiet'.*

Lanqas ma jirrizulta lill-Arbitru li l-ilmentatur inghata parir hazin dwar l-investiment.

**Decizjoni**

**Ghar-ragunijiet kollha moghtija f'din id-decizjoni, l-Arbitru ma jistax jilqa' l-ilment.**

**L-Arbitru jirrakkomanda lill-provditur tas-servizz li jzomm il-weghda tieghu li jaghti *'refund tac-charges … ta' €195'*,[31] lill-ilmentatur kif issottometta f'dan il-kaz.**

**Minhabba n-natura tal-kaz, kull parti thallas l-ispejjez taghha.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

---

[30] P. 118 – Hekk kif indikat fl-istess *fact sheet,* dan l-indikatur tar-*'Risk and Reward Profile'* ma kienx xi mizura tar-riskju ta' telf fil-kapital izda mizura tal-movimenti fil-prezz tal-fond fuq medda taz-zmien.
[31] P. 135; Paragrafu 14 tar-risposta tal-provditur tas-servizz (P. 20).